

Brussell, 22 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9981/22

LIMITE

POLCOM 51
SERVICES 5
WTO 115

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0174(NLE)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti (Servizzi u Investiment))
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9979/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim dwar il-modifika tal-iskedi ta' impenji speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negożjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi tat-2 ta' Diċembru 2021 - Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-7 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim dwar il-modifika tal-iskedi ta' impenji speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negożjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi tat-2 ta' Diċembru 2021¹.
2. Fil-laqgħat tiegħu tat-8 ta' Ġunju u t-22 ta' Ġunju, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investiment) approva din il-proposta, modifikata abbażi ta' proposta ta' kompromess tal-Presidenza biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

¹ ST 9979/22 + ADD1

3. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill għandu l-ewwel nett jiddeċiedi dwar it-trażmissjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew sabiex jikseb il-kunsens tiegħu.
 4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jiddeċiedi, bħala punt "A", li jibgħat lill-Parlament Ewropew, għall-approvazzjoni tiegħu, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim dwar il-modifika tal-iskedi ta' impenji speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi tat-2 ta' Diċembru 2021, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokumenti 9982/22 + ADD 1.
-